**18 ta' Marzu, 1965**

**Imhallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Maggur Hannibal A. Scicluna M.B.E., nomine

*versus*

Charles Vella, nomine

**'Hire Purchase' — Bejgh — Azzjoni Kambjarja**

*Ma jistax l-attur f'azzjoni ta' riżoluzzjoni ta' bejgħ ta' karozza bażata fuq in-nuqqas tal-ħlas mitlieħem jitlob ukoll il-ħlas tal-pagamenti dovuti għaliex differentement tkun qiegħda titneħħa dika l-bażi.*

*Dana hu hekk anke jekk il-ħlasijiet ikunu rappreżentati minn kambjalijiet, li peress li huma ottenenti għall-ftehim ta' bejgħ kontenut fi skrittura, jitilfu l-awtonomija tagħhom bħala titoli ta' kreditu ndipendenti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine wara li ppremetta li bi skrittura tal-għaxra (10) ta' Diċembru, 1962 (Dok. "A" anness maċ-ċitazzjoni) huwa biegħ lil Leone Formosa bit-titolu ta' "hire purchase" u bil-patt ta' riservato dominio l-karozza Vauxhall Saloon numru 18643 u skond il-patt numru 4a) hu kellu d-dritt ixolji l-ftehim fil-każ ta' morosità da parti ta' Leone Formosa kif fl-istess patt kontemplati. U ilħi l-imsemmi Leone Formosa baqa' morus fil-pagamenti ta' sitt rati, ċioè dawka skaduti fl-ewwel (1) ta' Jannar, fl-ewwel (1) ta' Frar, fl-ewwel (1) ta' Marzu, fl-ewwel (1) ta' April, fl-ewwel (1) ta' Mejju, u fl-ewwel (1) ta' Ġunju, 1964, u għalhekk l-istanti jinsab f'posizzjoni li jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt Dokument "A" talab li — wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun — (a) il-konvenut nomine jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' disgħin lira (£90) per saldu ta' sitt skadenzi kambjali li għalqu rispettivament fl-ewwel (1) ta' Jannar, fl-ewwel (1) ta' Frar, fl-ewwel (1) ta' Marzu, fl-ewwel (1) ta' April, fl-ewwel (1) ta' Mejju, u fl-ewwel (1) ta' Ġunju, 1964 (Dokumenti B, C, D, E, F, u G annessi maċ-ċitazzjoni) bl-imgħax kommerċjali skond il-liġi (b) jiġi deċiż li l-kuntratt Dokument "A" għandu jiġi, kif jiġi xolt u reċiss u dana bi ħtija l-konvenut u mħabba morosità tiegħu fir-rati skaduti fl-ewwel (1) ta' Jannar, fl-ewwel (1) ta' Frar, fl-ewwel (1) ta' Marzu, fl-ewwel (1) ta' April, fl-ewwel (1) ta' Mejju u fl-ewwel (1) ta' Ġunju, 1964, u (c) bħala konsegwenza tal-is-

tess xoljiment u rexissjoni, il-konvenut nomine jiġi kkundannat jirrestitwixxi u jirritorna lill-istanti l-karozza Vauxhall Saloon numru 18643, salva kull azzjoni oħra u kull dritt ieħor lill-attur kompetenti. Bl-ispejjeż.

OMISSIS:

Illi l-kawża preżenti għandha bħala bażi tagħha l-ftehim li kien sar bejn is-soċjetà attriċi u l-mejjet Leone Formosa fl-għaxra (10) ta' Diċembru, 1962 li kopja tagħha tinsab eżibita a fol. 4 tal-proċess, fejn issir espressa riferenza għall-kambjalijiet li kellhom jiġu aċċettati mill-istess Formosa skond daka l-ftehim; l-ewwel domanda tirrigwarda l-ħlas ta' sitta minn dawna l-kambjalijiet mentri li t-tieni u t-tielet domanda jirrigwardaw ir-risoluzzjoni ta' daka l-ftehim u l-konsegwenti konsenja lura tal-karozza lis-soċjetà attriċi;

Illi fil-premessi taċ-ċitazzjoni jingħad li dana l-ftehim kien ta' "hire purchase" u li kien hemm il-patt "reservati dominii", issa dan ta' l-aħħar jista' verament japplika għall-każ ta' bejgħ billi f'każ ta' "hire purchase" hu evidenti li l-proprjetà ma tgħaddix għand il-kerrej qabel ma jħallas ir-rati kollha. Dana l-fatt għalhekk iqajjem dubju dwar il-vera portata u natura tal-ftehim stess, rigwardat attentament u speċjalment konsidrati l-fatti riżultati, il-konklużjoni għandha tkun li l-ftehim kien ta' bejgħ b'dilazzjoni għall-pagament u b'riserva għar-risoluzzjoni jekk ma jsirx il-ħlas miftiehem, neħħi li għar-rigward tiegħu ġiet użata formola li soltu tiġi użata għal ċirkostanzi differenti. Basta f'dana r-rigward jingħad li skond l-iskrittura l-pagamenti rateali kellhom jibdew xahar wara d-data ta' l-iskrittura mentri li fil-fatt il-kambjalijiet (liema forma kellhom jieħdu l-istess pagamenti) ġew magħmulin jibdew jiskadu fl-ewwel (1) ta' Jannar, 1964: dana nfatti jirrendi rispjegabbli ċerti pattijiet fl-iskrittura ntiżi dawn skond is-sens normali tagħhom, bħal per eżempju d-dritt tas-soċjetà

attriċi li tirrisolvi l-ftehim f'każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' żewġ rati mid-dati hemm fissati billi r-rati kellhom jibdew erbgħatax-il xahar wara dik l-istess data; dawk il-ħlasijiet, in vista ta' dana l-fatt, l-anqas ma jistgħu jitqiesu flok kera (kif dikjarat) billi allura ebda ħlas simili ma kien dovut għall-ewwel erbgħatax-il xahar, u l-istess għalhekk għandhom jitqiesu bħala ħlasijiet akkont tal-prezz miftiehem.

Illi konsidrat il-ftehim bħala wieħed ta' bejgħ u mitluba r-risoluzzjoni tiegħu mħabba n-nuqqas tal-ħlas miftiehem, hu evidenti li ma jistax jintalab ukoll il-ħlas bażi tad-domanda preċedenti billi differentement tkun qegħda titneħħa dika l-bażi; issa mir-riżultanzi proċesswali hu ovvju li s-soċjetà attriċi trid tinsisti għar-risoluzzjoni tal-ftehim u fil-fatt ġa rċeviet il-konsenja tal-karozza mingħand il-konvenut nomine li donnu mingħalih kien dispost ukoll iħallas il-kambjalijiet skaduti sad-domanda attriċi. Il-konsegwenza allura trid tkun li ebda ħlas m'hu dovut skond ir-rati miftehma biex il-bejgħ iseħħ, la darba dan qiegħed jiġi riżolut, salv ir-regolament tal-posizzjoni bejn il-kontendenti kif hu xieraq in vista' ta' l-istess risoluzzjoni: dana għandu wkoll isir fil-każ preżenti, allavolja r-rata miftehma hi rappreżentata minn kambjalijiet billi l-kawża preżenti, anke dwar l-ewwel domanda, ma tistax titqies bħala azzjoni kambjarja sempliċi u pura iżda dawn bħala ħaġa attinenti għall-iskrittura li ġiet ukoll eżibita, b'mod li l-azzjoni relattiva trid issoffri modifikazzjoni mill-patti li jirregolaw il-ftehim ġenerali riżultanti minn dik l-iskrittura għaliex b'dana l-mod il-kambjalijiet ġew tilfu l-awtonomija tagħhom bħala titoli ta' kreditu ndipendenti, li għandu jkun hekk jiftiehem aħjar mill-konsiderazzjoni li l-kambjalijiet l-oħra firmati skond l-iskritturau li ma skadewx sakemm saret l-istanza preżenti ma għandhomx jibqgħu jeżistu iżjed mar-risoluzzjoni tal-ftehim li ta lok għall-aċċettazzjoni tagħhom, u l-konvenut nomine għandu jieħu l-passi meħtieġa f'dana s-sens, apparti minn kull obbligu tiegħu, fil-kwalità li fiha jin-

sab ċitat, għar-rendikont ta' l-operat tiegħu fis-sedi apposità, in-nuqqas tiegħu li jħallas ir-rati miftehma, li wassal għall-azzjoni preżenti, jifforma wkoll parti ta' daka r-rendikont;

*Illi kwanti għat-tieni domanda għar-risoluzzjoni tal-ftehim, dina tirriżulta bażata mħabba n-nuqqas li għadu kif is*semma u l-patt analogu fl-iskrittura riferita; l-istess raġunijiet jiġġustifikaw ukoll it-tielet domanda, li hija konsegwenzjali għat-tieni waħda, neħħi li l-lum il-meritu relattiv jinsab esawrit billi fil-fatt il-karozza in kwistjoni ġa ġiet materjalment ritornata lis-soċjetà attriċi, u dana l-possess isir ukoll legali *bħala konsegwenza tal-akkoljiment tat-tieni talba;*

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi fuq l-istanza attriċi billi (a) tiċħad l-ewwel domanda attriċi, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, (b) tilqa' t-tieni talba u tiddikjara risolut bejn il-partijiet il-ftehim ta' *bejniethom dwar il-karozza ġia msemmija,* u (c) *tiddikjara* li m'hemmx iżjed lok għat-tielet talba billi dina l-karozza tinsab diġà fil-possess tas-soċjetà attriċi, kif talbet li jsir, u għandha tibqa' għandha la darba l-ftehim ġie riżolut. L-ispejjeż tat-tieni *u t-tielet talba jitħallsu mill-konvenut nomine salvi d-drittijiet* u obbligi reċiproċi bejn il-kontendenti fis-sens indikat iżjed 'il fuq u salvi l-obbligi l-oħra tal-konvenut in vista tal-kwalità tiegħu kif fuq ukoll imsemmi.